Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 6/2003/1

**Dr.Harry Vassallo bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Professur Arnold Cassola**

**vs**

**(1) Kummissjunarju Elettorali Principali in rapprezentanza tal-Kummissjoni Elettorali**

**(2) John Mary sive Jimmy Magro f'ismu proprju in rappresentanza tal-Partit Laburista.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Dr. Harry Vassallo nomine fl-4 ta' Marzu, 2003, li in forza tieghu espona:

(1) Illi r-rikorrent huwa cittadin Malti u kandidat prospettiv mal-partit Alternattiva Demokratika fl-elezzjonijiet generali li resqin. Barra minn hekk, ir-rikorrent huwa s-Segretarju Generali elett tal-*European Federation of Green Parties*. Huwa ilu involut fil-politiku ghal aktar minn tlettax-il sena;

(2) Illi l-karigi elettivi tieghu, cioe' *spokesperson* ta' Alternattiva Demokratika fuq Affarijiet Ewropej u Segretarju General tal-*EFGP*, jirrikjedu li huwa jivvjagga ta' spiss sabiex iwettaq id-dmirijiet tieghu. Is-safar tieghu huwa fl-ambitu ta' l-esercizzju tad-dritt ta' espressjoni u tad-dritt ta' ghaqda u assocjazzjoni, inkluz id-dritt li jappartjeni lil xi partit politiku kemm bhala membru ordinarju kif ukoll bhala membru ta' l-Esekuttiv ta' Alternattiva Demokratika;

(3) Illi l-intimat Jimmy Magro, li huwa s-Segretarju Generali tal-Partit Laburista, ipprezenta rikors fil-Qorti biex isem ir-rikorrent jitnehha mir-Registru Elettorali, liema talba bdiet tinstema' nhar l-Erbgha, 26 ta' Frar 2003, quddiem il-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, u ghandha tkompli tinstema' nhar it-Tlieta, 4 ta' Marzu 2003;

(4) Illi t-talba ta' l-intimat Jimmy Magro hija antikostituzzjonali ghaliex tammont ghal ksur kemm tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent garantiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tad-drittijiet fondamentali garantiti fil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-bniedem skond l-Ewwel skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) Id-dritt ghall-vot huwa garantit mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-bniedem li taghha Malta hija firmatarja. L-Artikolu 3 ta' l-Ewwel Protokol jipprovdi:

*"The High Contracting Parties undertake to hold free elections at reasonable intervals by secret ballot, under conditions which will ensure the free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature".*

(6) Illi d-disposizzjonijiet ta’ l-imsemmija Konvenzjoni jiffurmaw parti mil-ligi nazzjonali ta’ Malta minhabba li din il-Konvenzjoni giet inkorporata bl-Att XIV dwar il-Konvenzjoni Ewropea fl-1987, illum Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-fatt, l-imsemmi Artikolu 3 ta’ l-Ewwel Protokol jifforma parti mill-Kapitolu 319;

(7) Illi fil-kawza *“Mathieu-Mohin and Clerfayt v. Belgium”* (1987) il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet illi dan Artikolu 3 ta’ Protokol 1 kien jimplika zewg drittijiet enforzabbli mill-individwu: *to vote and to stand for election to the legislature;*

<u>Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni (protezzjoni lid-dritt ghal-liberta’ ta’ esprezzjoni ) u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea – Kapitolu 319.</u>

(8) Illi t-talba maghmula mill-intimat John Mary sive Jimmy Magro hija intiza biex tipprova ccahhad u jxekkel lir-rikorrent milli jesprimi liberament il-fehmiet politici tieghu permezz tal-vot u b’hekk tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u ta’ l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Huwa car illi din l-azzjoni da parti ta’ l-avversarji politici tieghu hija mahsuba biex, minhabba l-opinjoni politika tieghu, inehhulu l-vot. Dan huwa bi ksur ta’ l-artikolu 41(5) tal-Kostituzzjoni. Barra minn hekk, in vista ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 53 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, din l-azzjoni hija immirata biex tirrendih mhux eligibbli li jipprezenta l-kandidatura tieghu fl-elezzjonijiet generali ghall-hatra tad-Deputati Parlamentari;

<u>Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni (protezzjoni lid-dritt ghal-liberta’ ta’ ghaqda u assocjazzjoni u Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea – Kapitolu 319</u>

(9) Illi l-azzjoni ta’ Jimmy Magro u l-Partit Laburista tivvolja d-dritt ta’ liberta’ ta’ ghaqda u assocjazzjoni billi tikkostitwixxi tfixkil fl-esercizzju tad-dritt inaljenabbli tieghu li jassocja ruhu mal-kandidati l-ohra ta’ Alternattiva

Demokratika u jipprezenta ruhu bhala kandidat ghall-elezzjonijiet politici li jsiru fit-territorju Malti;

<u>Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni (protezzjoni lid-dritt ghall-privatezza) u Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea – Kapitolu 319</u>

(10) Illi l-proceduri tar-rikors ta' Jimmy Magro jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt ghall-privatezza peress illi l-movimenti tieghu qeghdin jigu monitorjati u qed isir indhil fil-hajjar privata tieghu, u dan bi ksur ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319);

<u>Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni (protezzjoni lid-dritt ghal harsien minn diskriminazzjoni fuq bazi politika) u Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) abbinat ma' l-artikolu 3 ta' L-Ewwel Protokol tal-Kap. 319 dwar elezzjonijiet hielsa.</u>

(11) Illi r-rikorrent qed jilmenta wkoll minn trattament diskriminatorju ghaliex, filwaqt li min iservi barra minn Malta f'korp dixxiplinat ma jitlifx id-dritt li jivvota, ir-rikorrent (u bhalu diversi persuni ohra) li jservi barra minn Malta bla uniformi u minghajr appartenenza f'xi korp dixxiplinat qed jinghad li ghandu jitlef id-dritt li jivvota, u dan dejjem minhabba l-fehmiet politici tieghu. Ir-rikorrent kien qed jintervjeni mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Parlament Ewropew f'isem Alternattiva Demokratika biex itejjeb il-kundizzjonijiet tad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u, minn fuq li kien qed jahdem ghal pajjizu (minghajr appartenenza ghal xi korp dixxiplinat), qed jinghad li ghandu jitlef id-dritt li jivvota. L-istess japplika ghal persuni li huma fis-servizz pubbliku li jaghtu s-servizz taghhom barra minn Malta li permezz tal-proviso fl-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni ma japplikax ghalihom l-artikolu 57;

(12) Dan kollu jmur kontra dak li hemm mahsub fl-artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea abbinat ma' l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Protokol tal-Kap. 319 dwar elezzjonijiet hielsa. L-artikolu 45 tal-

Kostituzzjoni jipprojbixxi espressament kull diskriminazzjoni bazata fuq ragunijiet politici;

(13) Illi jekk persuna tkun qed tirrapprezenta lil Gvern ta' Malta barra minn Malta anke ghal zmien twil ma titlifx id-dritt ghall-vot. Ghall-kuntrarju, ir-rikkorrent li jifforma parti minn forza politika li m'hijiex fil-Gvern qed jinghad li ghandu jitnehhielu d-dritt ghall-vot. Dan jammonta ghal diskriminazzjoni fuq bazi politika;

<u>Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni (protezzjoni lid-dritt ghal-liberta' ta' moviment)</u>

(14) Illi l-*freedom of movement* imsemmi fl-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni qed jigi vjolat fil-konfront tar-rikorrent peress illi dan jaghti lil kull cittadin id-dritt li johrog minn Malta u jidhol lura Malta, filwaqt li r-rikorrent, minhabba li qed jesercita dan id-dritt frekwentement in konnessjoni max-xoghol tieghu, qed issir talba biex ismu jitnehha mir-Registru Elettorali;

(15) Il-Partit Laburista, filwaqt li talab it-tnehhija tad-dritt ghall-vot fil-kaz tar-rikorrent, stqarr fil-*website* tieghu illi:

*"Bhala parti mill-preparazzjonijiet ghar-Referendum u l-Elezzjoni Generali, il-Partit Laburista qieghed ihejji lista ta' votanti li jinsabu barra minn Malta sabiex ikunu jistghu jigu Malta biex jivvutaw. Dawn il-votant jkunu jistghu jgwadu minn offerta ta' titjiriet bi prezz ta' LM10 + taxxi. Ghalhekk nitolbuk tinfurmana minnufih jekk inti taf b'xi hadd li ghandu dritt ghall-vot u li qieghed jghix barra minn Malta."*

(16) Illi jekk ir-rikors ta' Jimmy Magro, Segretarju Generali tal-Partit Laburista, jitmexxa 'l quddiem u jigi milqugh, ir-rikorrent ser ikun vittma ta' vjolazzjoni jew vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali tieghu kif imfisser hawn fuq. Qatt ma kienet l-intenzjoni tal-legislatur illi lir-rikorrent u persuni ohra fis-sitwazzjoni tieghu li jibqghu ordinarjament residenti f'Malta izda li jghaddu perjodu ta' zmien barra minn Malta, jitnehhielhom id-dritt ghall-vot. Huwa inkoncepibbli li l-Kostituzzjoni tiggarantixxi d-dritt ta' espressjoni u d-dritt ta' ghaqda u assocjazzjoni, imbaghad

tippermetti li jigi mcahhad mid-dritt ghall-vot min ikun esercita dawn id-drittijiet fondamentali garantiti minnha;

(17) Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqies xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif garantiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju Elettorali Principali in rapprezentanza tal-Kummissjoni Elettorali li in forza taghha ecepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti gew malament imharrka u ghandhom jigu liberati mill-gudizzju ghaliex bl-ebda mod ma jirrispondu ghall-addebiti imressqa kontra taghhom;

2. Illi fit-tieni lok fl-assenza tar-rappresentanza tal-Gvern ta' Malta il-gudizzju mhux integru;

3. Illi fit-tielet lok ir-rikorrent ghandu r-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni tieghu skond il-ligi, li hu tenut jessawrixxi u li jikkonsistu fl-gheluq tal-proceduri quddiem l-ufficjal revizur u eventwali appell quddiem il-Qorti tal-Appell;

4. Illi fir-raba' lok il-Kummissjoni Elettorali mxiet skond il-ligi u ma ghamlet xejn li b'xi mod setgha jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent; tant hu hekk li l-Kummissjoni lanqas ikkancellat lir-rikorrent mir-Registru Elettorali u kkonsenjatlu l-vot kif hija marbuta li taghmel bil-ligi. Il-kwistjoni li giet imqajma quddiem l-ufficjal revizur li l-istess rikorrent mhux intitolat ghall-vot u ghalhekk ismu ghandu jigi kkancellat mir-registru, giet imqajma permezz ta' Appell kif kellhom dritt jaghmlu kull parti interessata u jekk ismu, cioe' tar-rikorrent, ghandux jibqa' jidher fir-Registru Elettorali jiddependi jekk mill-provi li ngibeu quddiem dak l-ufficjal revizur jirrizulta li l-istess rikorrent

jissodisfax ir-rekwiziti tal-Kostituzzjoni biex jigi registrat bhala votant jew le;

5. Illi fil-hames lok huwa inkoncebibbli guridikament li d-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni tigi ritenuta li hija bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem u dan billi l-kostituzzjoni hija l-ligi suprema tal-pajjiz;

6. Illi fis-sitt lok ma hemm xejn fid-disposizzjoni Kostituzzjonali li tirregola minn ghandu dritt ghall-vot li b’xi mod jikser id-drittijiet fondamentali tal-bniedem jew li m’huwiex accettabbli li jkun hekk regolat f’socjeta’ demokratika.

Rat l-affidavit ta’ Arnold Cassola;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Marzu, 2003, li in forza tieghu cahdet it-talba tal-intimat ghall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi ghar-rigward ta’ l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimat Kummissjonarju Elettorali, jigi rilevat li, f’dawn il-proceduri, mhux qed tigi attakkata l-validita’ ta’ xi ligi u lanqas ma hu qed jigi impunjat xi agir ta’ l-Gvern u, kwindi, ma tarax li hemm lok li jkun hawn rappresentanza tal-Gvern ta’ Malta f’dawn il-proceduri. L-ghadd ufficjali huwa ben rappresentant mill-Kummissjoni Elettorali li, bhala organu ta’ l-istat, ghandha d-dmirijiet taghha stabbiliti fl-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u fost dawn id-dmirijiet ghandha l-obbligu li tmexxi u tissorvelja t-tmexxija ta’ elezzjonijiet f’kull distrett elettorali (artikolu 61(6) tal-Kostituzzjoni). Kwindi l-Kummissjoni Elettorali, li tiehu hsieb ukoll tippubblika l-lista ta’ votanti f’Registru Elettorali, u dan fit-termini tal-ligi, ghandha interess f’dawn il-proceduri, ghalkemm kif din iddikjarat fir-risposta taghha, l-interess

taghha mhux il-kaz partikolari, imma li d-disposizzjonijiet u l-proceduri li jinsabu registrati fil-Kostituzzjoni u fil-ligi elettorali jigu segwiti u mharsa kif titlob l-istess ligi. Kwindi, din il-Qorti mhux qed tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet li gew imressqa fir-risposta tal-Kummissjunarju Elettorali Principali in rapprezentanza tal-Kummissjoni Elettorali.

Illi jirrizulta li f'din il-kawza, ir-rikorrenti Arnold Cassola, bhala cittadin Malti, huwa persuna li isimha jidher fuq ir-Registru Elettorali bhala persuna li hija ntitolata tivvota fl-elezzjonijiet generali li jsiru Malta, kif ukoll ghal elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u fir-referenda li jinzammu f'Malta minn zmien ghal zmien. L-intimat Jimmy Magro, bhala Segretarju Generali tal-Partit Laburista, ressaq rikors quddiem l-ufficcjal revizur sabiex isem Arnold Cassola jitnehha minn fuq ir-Registru Elettorali u dan peress li qed jigi allegat li hu ma jissodisfax ir-rekwizit ta' residenza li, oltre dik ta' cittadinanza, trid il-ligi biex persuna tkun tista' tivvota f'Malta. Dan ir-rekwizit ta' residenza hu impost fl-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi kif gej:

***Artikolu 57*** *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 58 ta' din il-Kostituzzjoni, persuna tkun kwalifikata biex tkun registrata bhala elettur ghall-elezzjoni ta' membri tal-Kamra tad-Deputati jekk tkun, u ma tkunx kwalifikata biex tkun hekk registrata jekk ma tkunx:*

*(a) cittadin ta' Malta;*

*(b) ghalqet l-eta' ta' tmintax-il sena; u*

*(c) residenti f'Malta u matul it-tmintax-il xahar minnufih qabel ir-registrazzjoni taghha hekk residenti ghal perjodu kontinwu ta' sitt xhur jew ghal perjodu li jammontaw fit-total globali ghal sitt xhur:*

*Izda dan il-paragrafu ma japplikax ghal persuna li tkun ordinarjament tirrisjedi f'Malta izda ma tkunx tirrisjedi f'Malta kif mehtieg b'dan il-paragrafu minhabba servizz barra minn Malta fis-servizz pubbliku, ......jew minhabba*

*servizz barra minn Malta f'korp, jew bhala membru ta' korp dixxiplinat......"*

Ir-rikorrenti mhuwiex, f'dawn il-proceduri, qed jattakka din id-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, imma qieghed jikkontesta d-dritt tal-intimat Jimmy Magro, f'isem il-Partit Laburista, li jikkontesta l-elegibilita' tieghu li jibqa' imnizzel fir-Registru Elettorali. Mhux kontestat li taht il-ligijiet ordinarji tal-pajjiz, l-intimat Jimmy Magro, f'isem il-Partit Laburista, ghandu dritt li jressaq it-talba tieghu kif ghamel, u dan biex jigi mistharreg, minn organu indipendenti, jekk bhala fatt ir-rikorrenti ghandux dritt jew le li jibqa' imnizzel fir-Registru Elettorali ta' Malta. Dak li qed jigi allegat f'dawn il-proceduri hu li l-esercizzju ta' dan id-dritt, fil-kaz partikolari, jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, u cioe':

(i) id-dritt tieghu ghal-liberta' ta' espressjoni, sancit taht l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u 10 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(ii) id-dritt tieghu ghal-liberta' ta' ghaqda u assocjazzjoni, sancit taht l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u 11 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(iii) id-dritt tiehu ghall-privatezza, sancit taht l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(iv) id-dritt tieghu ghall-harsien min diskriminazzjoni fuq bazi politika, sancit taht l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea; u

(v) id-dritt tieghu ghal-liberta' ta' moviment, sancit taht l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni.

Fl-ewwel lok, jigi precisat li l-fatt li r-rikorrent mhux qed jattakka la l-validita' ta' l-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni u lanqas il-ligi elettorali li tahtha l-intimat Jimmy Magro, f'isem il-Partit Laburista, ressaq it-talba tieghu, ma jfissirx

li hu ma jistax jipprova jimpunja l-esercizzju partikolari ta' dak id-dritt. Fi kliem iehor, il-fatt li mhux qed jigi kontestat id-dritt legali ta' Jimmy Magro, f'isem il-Partit Laburista, li jressaq talbiet ghat-thassir ta' persuni minn fuq ir-registru elettorali, ma jfissirx li ma jistax jigi allegat u mistharreg jekk l-istess Jimmy Magro, fl-esercizzju partikolari ta' dak id-dritt, kisirx jew le id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Dan il-principju kien gie accettat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kuntest ta' agir tal-amministrazzjoni taht il-ligi tal-Housing. Dak l-att (li llum m'ghadux fis-sehh), kien jaghti dritt lis-Segretarju tad-Djar johrog Ordni ta' Rekwizizzjoni fir-rigward ta' kull tip ta' fond, u ghalkemm dak l-att u l-poter li jikkonferixxi fuq l-amministrazzjoni ma giex dikjarat li jmur kontra l-Kostituzzjoni, gieli saret investigazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali dwar jekk l-esercizzju ta' dak il-poter f'kaz partikolari kienx jivvjola xi dritt fundamentali tar-rikorrent, u dan partikolarment fil-kuntest tad-dritt tieghu li ma jkunx soggett ghal trattament dizuman (ara, per ezempju, l-kawza "Galea vs Segretarju tad-Djar et", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 1977, fejn il-Qorti ma sabitx, fil-meritu, vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, u l-kawzi "Caruana vs Segretarju tad-Djar", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1980, u "Borg vs Segretarju tad-Djar", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-2 ta' Settembru, 1986, fejn nonostante li giet accettata l-Kostituzzjonalita' tal-ligi li tippermetti l-hrug ta' Ordni ta' Rewkizizzjoni, sabet li, fil-kazijiet partikolari, l-esercizzju tad-dritt wassal ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent f'kull kaz; issir riferenza wkoll ghas-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawza "Ellul Sullivan vs Segretarju tad-Djar", deciza fil-15 ta' April, 1976, u "Caruana vs Segretarju Parlamentari ghad-Djar", deciza fit-18 ta' Awissu, 1973.

It-tieni punt li jrid jigi carat jirreferi ghall-fatt li l-allegat agir abusiv mhux qed jigi allegat li sar minn xi organu Governattiv, izda minn Partit Politiku, li dejjem u f'kull kaz, hu distint u separat mill-Gvern tal-gurnata.

Dan qed jinghad ghax, in principju u bhala regola generali, allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ghandhom

ikunu diretti lejn il-Gvern u mhux lejn xi persuna, fizika jew morali, li mhix parti mill-organu Governattiv.

Dwar din il-materja l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali gia esprimiet ruhha fil-kawza “Buttigieg vs Mizzi noe” minnha deciza fit-9 ta’ Ottubru, 1989. F’dan il-kaz intqal li “*ghalkemm il-filosofija wara d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Kostituzzjoni jwassal ghall-konkluzzjoni li dawn qeghdin hemm biex jipprotegu l-individwu fil-konfront tieghu ma l-istat, pero’, dan il-principju ma giex segwit fil-formulazzjoni tal-Kostituzzjoni, u jista’ jaghti lok li certi libertajiet fundamentali jigu vjolati minn indivdwu, u dan fejn il-kliem tal-Kostituzzjoni juri li d-dritt partikolari protett jista’ jkun hekk vjolat: kollox jiddependi mit-termini ta’ l-istess Kostituzzjoni”.*

Dan il-punt kompla jigi zviluppat mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Debono Grech vs Mizzi et noe”, deciza fil-11 ta’ Frar, 1991, fejn gie accettat li anke kumpanija parastatali jew semi-statali hija soggetta ghall-kontrolli fuq l-agir taghha fil-limit tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem protetti fil-Kostituzzjoni.

Aktar recenti, l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Buttigieg vs l-Onor. Ministru Ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura et”, deciza fil-31 ta’ Lulju, 1996, marret oltre dak li ntqal sa dak il-mument u accettat il-principju li anke individwu privat jista’ jkun konvenut f’kawza Kostituzzjonali bazata fuq allegazzjoni ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dik il-Qorti rreferiet ghal u accettat it-taghlim li johrog mill-ktieb ta’ Basu “*Introduction to the Costitution of India (1983 Ed)”* fejn jinghad hekk fir-rigward:

*“Another classification of the fundamental rights of our Constitution is that while same of the rights of our Constitution impose limitations upon state action, there are other provisions which are limitations upon the freedom of action of private individuals as well. .....Our Constitution makers, however, refused to accept the extreme view taken in the civil rights cases to the effect that the violations of individual rights by private persons*

*was the proper subject of municipal law and could not come within the scope of organic law".*

Ghar-rigward tal-meritu, ghandu jinghad mil-ewwel li ebda persuna, lanqas cittadin ta' pajjiz partikolari, ma tista' tivvanta dritt assolut u llimitat biex tivvota f'elezzjonijiet li jsiru f'dak il-pajjiz. Issa, hu veru, li l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (riprodott fl-ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap 319), jipprospetta mhux biss l-obbligu ta' kull stat li jzomm perjodikament elezzjonijiet generali li jkunu *"free and fair",* izda wkoll id-dritt ghall-vot, tant li fid-decizjoni moghtija f'Mejju tal-1975 (fil-kaz "W, X, Y and Z vs Belgium") intqal mill-Kummissjoni illi:

*"It follows both from the preamble and from article 5 of the Protocol no.1, that the rights set out in the Protocol are protected by the same guarantees as are contained in the Convention itself. It must, therefore, be admitted that, whatever the wording of article 3, the right it confers is in the nature of an individual right, since this quality constitutes the very foundation of the whole Convention".*

Dan il-principju, pero', qatt ma gie accettat bhala wiehed assolut, tant li fil-ktieb ta' Jacobs & White, "*European Convention on Human Rights"* (3rd Edit. 2002 p. 336) jinghad car u tond li *"It has long been the position of the Commission that the right to vote and the right to stand for election to the legislature may be subject to legitimate restrictions imposed by the State. The Court has adopted the same position."* Diment li dawn ir-restrizzjonijiet ma jkunux imposti arbitrarjament u ma jkunux ta' ostakolu ghad-dritt tal-poplu in generali li jesprimi l-ghazla tieghu f'elezzjoni, dawk ir-restrizzjonijiet ikunu accettabbli.

Kif jinghad fil-ktieb ta' van Dijk u van Hoof, "*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"* (3rd Edit. 1997 p. 659), dan l-artikolu in ezami jaghti lill-istat koncernat, *"a wide margin of appreciation in making the rights to vote and to stand for elections subject to certain conditions. The Strasbourg organs have to satisfy*

*themselves that these conditions do not curtail the rights in questions to such an extent as to inpair their very essence and deprive them of their effectiveness; that they are imposed in pursuit of a legitimate aim; and that the means employed are not disproportianate. In particular, such conditions must not thwart the free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature."*

Ir-restrizzjonijiet imposti mill-Kostituzzjoni ta' Malta jirreferu, oltre ghal cittadinanza, ghal limitazzjoni ta' l-eta' u tar-residenza. L-imposizzjoni ta' eta' minima biex persuna tkun tista' tivvota gie accettat kemm-il darba bhala limitazzjoni valida kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-istess jista' jinghad dwar il-limitazzjoni imposta bir-rekwizit ta' residenza. Fil-fatt, fil-ktieb kwotat ta' Van Dijk u Van Hoof, jinghad f'pagna 662 illi:

*"Many legislations contain the provision that nationals can take part in elections in the country in question only if they also have residence in that country. The Commission considered this restriction as being in conformity with Article 3, and advanced the following justifications for such a restriction: (1) non-residents are less directly and continuously concerned with and less well informed on the day-by-day problems in the country; (2) candidates for the elections have less easy access to non-residents to present the different electoral issues so as to secure a free expression of opinion; (3) non-residents have less influence on the selection of candidates and the formulation of their electoral programmes; and (4) the correlation between the right to vote and the involvement in acts of the bodies elected is less."*

Dan, pero', jirrikjedi li r-rekwizit ta' "residenza" ma jigix interpretat b'mod li jiznatura t-tifsira ta' residenza. Il-kelma "residenza" ma tfissirx presenza fizika fil-pajjiz, izda tinkludi fiha u tippermetti allontananzi perjodici mill-istess pajjiz. Persuna li tkun temporanjament assenti minn Malta minhabba xoghol, studju, mard, jew missjoni, m'ghandhiex u ma tistax titqies li m'ghadhiex residenti f'Malta. Persuna li tmur barra biex tistudja jew fuq xoghol

xorta wahda tkun *“directly and continuously concerned”* mal-attivita’ politika fil-pajjiz ta’ residenza taghha, u ma tezistix, allura, raguni ghac-cahda ta’ dik il-persuna mid-dritt tal-vot tahha. Interpretazzjoni mod iehor tal-kelma “residenza”, u cioe’, presenza fisika kontinwa fil-pajjiz tista’ twassal biex iccahhad id-dritt tal-vot lil min ghandu interess dirett u personali fil-gejjieni tal-pajjiz, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 3 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-awtur Graveson, fil-ktieb “*Conflict of Laws”* (7th Edit. p. 194) jiddefinixxi l-kelma residenza bhala *“habitual physical presence in a place during a period of either limited or unlimited duration”.* Residenza, kwindi, ma tirrikjedix presenza kontinwa fil-lok ta’ dak il-pajjiz, imma wahda abitwali skond ic-cirkustanzi tal-kaz ta’ dik il-persuna. Sta ghall-Qorti tiddeciedi, skond ic-cirkustanzi tal-kaz partikolari, jekk l-assenza tal-persuna minn Malta kinitx daqshekk kontinwa u permanenti li twassal ghall-konkluzzjoni li dik il-persuna qatghet kull kuntatt ma u interess fil-pajjiz fejn trid tivvota.

Il-proviso ghall-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni m’ghandhiex, lanqas, twassal ghall-interpretazzjoni ohra. persuna li mhix “residenti” Malta fis-sens kif identifikat aktar qabel, xorta wahda, skond dak il-proviso, tkun tista’ tivvota jekk l-assenza taghha minn Malta tkun minhabba l-ingagg taghha fis-servizz pubbliku. Dak il-proviso, pero’, japplika f’kaz li l-persuna ma tkunx residenti f’Malta “kif mehtieg b’dan il-paragrafu”, u r-residenza kif mehtiega b’dak il-paragrafu ghandha tkun legalment interpretata fis-sens ta’ *“habitual physical presence”*, u mhux ta’ residenza kontinwa ghal tul ta’ sitt xhur. Sakemm dik il-persuna, fi zmien ta’ tmintax-il xahar qabel il-pubblikazzjoni tar-Registru Elettorali, tkun, ghal perjodu ta’ sitt xhur, abitwalment residenti f’Malta, hija ghandha tkun eligibbli li tivvota. Tifsira ohra lill-kelma “residenza” tinnewtralizza r-raguni tal-accettazzjoni ta’ dak l-element bhala rekwizit ghal-elegibilita’ ghall-vot.

Id-differenza bejn “residenza” u “residenza ordinarja” mhix daqshekk cara, tant li fil-kawza “Hopkins vs Hopkins”,

deciza mill-Qorti Ingliza fl-1951, intqal li l-aggettiv ma jzid xejn lin-nom, u t-tnejn ma jirrikjedux presenza fizika kontinwa fil-pajjiz, izda *"physical presence with same degree of continuity",* li, f'kull kaz, jiddependi mic-cirkustanzi partikolari tal-kaz.

Fil-kaz in ezami, il-process kontra r-rikorrenti ghadu ma giex determinat u l-kaz tieghu ghadu qed jigi mistharreg mill-ufficcjal revizur; kwindi l-posizzjoni tar-rikorrent ghadha li hu ma giex kancellat mir-Registru Elettorali, u ma jistax jinghad li, f'dan l-istadju, id-dritt tal-vot tar-rikorrent gie pregjudikat. L-ufficjal revizur ghad irid jinterpreta u japplika li l-ligi elettorali u l-Kostituzzjoni ghal-kaz partikolari tieghu, u qabel ma jsir dan ma jistax jigi investigat jekk dawk il-ligijiet gewx jew le applikati fil-konfront tar-rikorrent bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Kif intqal mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Debono vs Prim Ministru et", deciza fit-13 ta' April, 1992, individwu ma jistax jilmenta mill-applikazzjoni tal-ligijiet tal-pajjiz fil-konfront tieghu, qabel ma juri li r-rizultat ta' dik l-applikazzjoni fil-konfront tieghu wassal ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ligi li mhux qed jigi allegat li, fiha infisha, hija kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tista', ovvjament, meta tkun applikata ghal kaz partikolari, tohloq vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' dik il-persuna partikolari; pero', qabel ma' l-applikazzjoni tal-ligi twassal ghal dak ir-rizultat, ma jistax jinghad li l-process kontemplat f'dik il-ligi jikser id-drittijiet fundamentali ta' dak koncernat.

It-talba li saret mill-intimat Jimmy Magro, f'isem il-Partit Laburista, hija talba biex jinbeda l-process taht il-Kostituzzjoni u l-ligi elettorali fil-konfront tar-rikorrent. La darba l-validita' ta' dawk il-ligijiet mhux qed jigi kontestat, u la darba hu stabbilit li limitazzjonijiet ghad-dritt tal-vot huma permessi, ma jistax jinghad li t-talba tal-imsemmi intimat tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghall-espressjoni libera, ghall-ghaqda u assocjazzjoni, ghall-privattezza jew ghall-moviment hieles, ghax biex jigi determinat jekk ir-rikorrent jaqax fil-limitazzjonijiet imposti

mil-ligi (li, kif intwera, huma zewg limitazzjonijiet li, jekk korrettement interpretati u applikati, huma accettabli taht il-Konvenzjoni Ewropea), trid issir verifika mill-organu kompetenti dwar il-hajja tieghu u l-mod tal-ghixien tieghu fiz-zmien indikat.

Biex jigi investigat jekk persuna tikkwalifikax ghall-vot minhabba l-eta' (limitazzjoni valida ghall-ezercizzju tad-dritt ghall-vot), bilfors li jrid jigi investigat meta dik il-persuna li twieldet, u dan l-ezami ma jistax jitqies li qed jivvjola l-privatezza ta' dik il-persuna. Hekk ukoll, biex jigi investigat jekk persuna tissodisfax l-element ta' residenza (wkoll limitazzjoni valida, diment li tkun interpretata korrettement), bilfors li jrid jigi investigat il-*lifestyle* tal-persuna u r-ragunijiet tal-assenza tieghu mill-pajjiz, u dan l-ezami ma jistax jitqies li qed jivvjola d-dritt tal-persuna ghall-privatezza, espressjoni jew moviment hieles. L-istharrig li jsir mill-organu kompetenti biex jintwera jekk persuna taqas jew le fil-limitazzjonijiet accettati ghall-esercizzju tad-drittijiet fundamentali – sakemm, ovvjament, ma jirrizultax li dak l-istharrig, fil-kaz partikolari, ikun qed isir b'mod diskriminatarju jew bi ksur tad-dritt tal-parti ghal smiegh xieraq.

Ma jirrizultax li l-intimat Jimmy Magro, f'isem il-Partit Laburista, ressaq it-talba kontra r-rikorrent b'mod diskriminatarju jew ghax jappartjeni lill-Partit Politiku iehor, fil-kaz, l-Alternattiva Demokratika. Ma giex muri, fi kliem iehor, li r-rikorrent gie "maghzul" minhabba fl-involviment tieghu f'kamp politiku differenti minn dak tal-intimat. Jirrizulta, fil-fatt, li l-intimat Jimmy Magro, f'isem il-Partit Laburista, ressaq diversi talbiet biex l-ufficcjal revizur jistharreg jekk il-persuni indikati jikkwalifikawx jew le ghad-dritt tal-vot, u ma tirrizultax li r-rikorrent inghata trattament differenti.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza <u>"Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija"</u>, deciza fis-17 ta' Frar, 1999 biex ikun hemm diskriminazzjoni jrid jirrizulta trattament differenti tal-istess kazijiet, mentri f'dan il-kaz ma tirrizulta ebda differenza fit-trattament li r-rikorrent qed ikun mitlub jissogetta ruhu ghalih. Talbiet simili saru fil-

passat mill-Partit Laburista (u anke, jista' jinghad, mill-Partit Nazzjonalista, ghalkemm l-agir ta' dan l-ahhar indikat Partit mhux qed jigi investigat f'dan il-kaz), u qed isiru issa wara l-pubblikazzjoni tar-Registru Elettorali l-gdid, u ma jirrizultax li l-Partit Laburista qed jimxi mar-rikorrenti b'mod differenti milli mexa jew qed jimxi ma' persuni ohra. Kif inghad, id-dritt tal-vot mhux wiehed assolut u hu accettat li dan id-dritt, jista' jkun soggett ghal certi limitazzjonijiet, u r-rikorrent bhal kull cittadin iehor, ghandu jissottometti ruhu ghal stharrig mill-organu kompetenti (ufficjal revizur li jgawdi minn indipendenza u mparzjalita' protetta fil-Kostituzzjoni), biex jigi deciz jekk hu jaqax jew le fil-kwadru tal-limitazzjonijiet imposti.

Ma jirrizultax lanqas li l-intimat Jimmy Magro, personalment jew f'isem il-Partit Laburista, qieghed "jippersegwita" lir-rikorrent jew jaghmel *"evesdropping"* fil-hajja privata tieghu, b'mod li qed ifixkel id-dritt tar-rikorrent ghall-privatezza. Il-Kostituzzjoni timponi certi restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-vot, u peress li l-Partit Laburista ghandu dubji dwar kemm persuni li jidhru fuq ir-Registru Elettorali, fil-fatt jissuperaw dawk ir-restrizzjonijiet, resqu talba lill-ufficjal revizur biex dan jinvestig jekk, bhala fatt, dawk il-persuni indikat jikwalifikawx ghall-vot. Talba simili tista' ssir mhux biss minn Partit politiku, izda minn kull min hu interessat, u l-process hu mehtieg biex ir-Registru Elettorali jkun jirrispekkja r-realta' skond il-Kostituzzjoni. L-investigazzjoni dwar il-hajja tar-rikorrent, bhal fil-kaz ta' persuni ohra indikati, ma ssirx mill-applikant, izda mill-ufficjal revizur li, wara li tisma' l-provi u l-argumenti li jressqu l-applikant, il-Kummissjoni Elettorali u l-persuna nnifisha, tiddieciedi jekk din il-persuna tikkwalifikax jew le li tkun intitolata ghall-vot, liema decizjoni trid tinghata fid-dawl tar-restrizzjonijiet imposti fil-Kostituzzjoni, li ghandhom jigu interpretati, kif inghad, bil-mod li tippermetti l-validita' ta' dawk l-istess restrizzjonijiet.

L-involviment tar-rikorrent bhala Segretarju Politiku tal-"European Greens" m'hu ta' ebda rilevanza ghal fini ta' dawn il-proceduri, ghax, kif inghad, ma ntweriex li l-applikazjoni, f'dan il-kaz, saret minhabba dak l-

involviment. Dan l-involviment jista’ u ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-ufficjal revizur biex jiddetermina jekk ir-rikorrent ghandux jew le jitqies bhala “residenti” hawn Malta, pero’, il-fatt li hu jokkupa kariga hekk prestigjuza, ma jfissirx li hu ghandu jkun ezenti, mill-ewwel, minn skrutinju gudizzjali biex jigi deciz jekk hu jissodisfax il-ligijiet tal-pajjiz biex ikun eligibbli li jivvota fl-elezzjonijiet u r-referenda li jsiru f’Malta. Huwa obbligu tal-ufficjal revizur li jezamina c-cirkostanzi ta' kull kaz u jara jekk il-kaz partikolari, l-involviment tar-rikorrenti u x-xoghol tieghu barra minn Malta jbeghduhx bizzejjed mill-ambjent politiku ta’ Malta li jiggustifika t-tnehhija tal-vot tieghu. Sallum, din il-Qorti ghadha ma tafx x’atteggjament ser jiehu l-ufficcjal revizur ghac-cirkostanzi partikolari tar-rikorrent, u, kwindi, f’dan l-istadju, ma tistax tikkumenta fir-rigward.

Jirrizulta, ghalhekk, li l-intimat Jimmy Magro, personalment u f’isem il-Partit Laburista, ghandu kull dritt, taht il-ligi elettorali li mhix qed tigi mpunjata, li jressaq ir-rikors tieghu fil-konfront tar-rikorrent. Ma jirrizultax li dan l-intimat, fil-kaz partikolari, qed jimxi b’mod differenti mar-rikorrenti, u lanqas ma jirrizulta li, bil-fatt biss tal-presentazzjoni tar-rikors, u cioe’, bl-esercizzju tad-dritt li taghtih il-ligi, gew lesi xi drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u fin-nuqqas ta’ provi li r-rikorrenti gie “maghzul” minhabba l-fehma jew l-impenn politiku tieghu, u fin-nuqqas ta’ prova l-passi tar-rikorrenti qed jigu segwiti b’mod dirett u impellenti, it-talbiet tar-rikorrent ma jistghux jigu milqugha.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet imsemmija tiddispondi minn din il-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez, minhabba c-cirkostanzi u n-novilita’ tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------